MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

09 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd, minn dawk li kienu se jkunu preżenti, kienu preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjuri Scerri u Debono li kienu għadhom ma waslux. Il-Laqgħa bdiet ħames minuti tard fil-5.35 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa kien preżenti l-Perit tal-Kunsill, is-Sur Dieter Falzon.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:
5.40 ta' filgħaxija: is-Sinjura Scerri daħlet f'dan il-mument

48.3.1 Triq il-Midra – xogħol ta' bankini kien lest u l-Perit għandu jħejji rapport tax-xogħol li sar sabiex ikun jista' jitħallas il-kuntrattur wara li jiġi ċertifikat ix-xogħol.

48.3.2 Qed isiru l-preparamenti sabiex jibda' x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Mario Cortis.

48.3.3 Wara li jiġu konklużi l-evalwazzjonijiet tat-tenders tal-latrini u ġonna, jkun fadal biss erbgħa oħra x'joħorġu li huma:
L-uffiċċini ġodda
Fażi II tal-proġett tal-Vapur tal-Art
Ġbir ta' Skart Domestiku u
Knis
Is-Sur Cassar ikkummenta li fl-ebda stadju u dan b'riferenza għat-tenders preżenti l-ebda membru m'għandu fi kwalunkwe cirkustanzi jagħti ħjiel lil xi *bidder* li ħadha jew ma ħadhiex. Is-Sur Cordina qal li se ssir kjarifika għax dan mhux aċċettabbli.
5.45 ta' filgħaxija: Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument.

48.3.4 Il-Kappella ta' San Pawl – Hu nforma l-Kunsill li din il-kappella qed tiġġarraf. Biex jiġi evitat it-tiġrif din il-Kappella għandha bżonn li jsirilha bħal ċinturini (*bracing*) li jiswew bejn il-€7,000 -€8,000. Hu propona li dan ix-xogħol ta' restawr isir mill-fond PDF u qabel ma jinbdew xi proċeduri, issir konsultazzjoni mal-kuraturi tal-Kappella sabiex jekk ix-xogħol previst jaqbeż id- *direct order limit* tinħareg tender. Kulħadd qabel.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

48.4.1 Is-Sur Ralph Cassar saqsa jew informa fuq:

- Fażi II tal-proġett il-Vapur tal-Art: l-Perit Edward Said qed jipprepara l-*Bill of Quantities* biex tkun tista' tinħareġ it-tender.

- Ġonna u Knis: talab biex il -Contract’s Manager jara x’qed isir xogħol u tingħata iktar attenzjoni.
- *Bike racks* -  dawn gew installati madwar ir-raħal kollu u l-proġett hu komplut.

48.4.2 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Dun Gwann Theuma ma’ Dun Mikiel Xerri.
  Il-Perit spjega li fl-2006 sar ir-*rationalisation* tal-*boundaries* u *building height limitations.* Dak iż-żmien meta huma applikaw għall-bidla fl-iskema il-Kunsill kien oġġezzjona. Fil-fatt kien tnaqqas l-iżvilupp kemm *on the road 4m +!, middle 11m + 1 and villa area.* Kienu waslu bl-applikazzjoni sal-Bord imma xorta l-applikazzjoni kif inhi ma kinitx aċċettabli. Effettivament kienu rtiraw l-applikazzjoni u bdew japplikaw biċċa biċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet x’hemm approvat? Il-Perit qal li preżentament hemm approvat 4m + 1 u 3m + 1 . Li qed jagħmlu hu li qed jippruvaw jiksbu iktar żmien *to reduce haemorrhage.*

48.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq:

- Pot imkissra fis-Centre strip quddiem Monte Carmeli. Sa jsir rapport.
- Biex isir spotlight maż-żebra crossing fi Triq il-Linja. Is-Sur Cordina qal li ftit diffiċli għax ikun irid isir meter u mhux possibli jsiru kollha hekk minħabba natura ta’ spejjeż.
- Jekk kienx hemm żviluppi fuq it-talba għall-isleeping policeman fi Triq Victor Vassallo.
- Biex isir xi *refreshing* ta’ sinjali fi Triq Victor Vassallo.

Sospensjoni biex jitkellmu is-Sinjuri li ġejjin li kienu preżenti għal-laqgħa: Perit Claude Borg, Sur Mark Borg, Sinjura Liz Borg u s-Sur Keith Attard Portughes. Il-kwistjoni kienet kollha ddur m’imejl li l-Kunsill irċieva mingħand xi residenti sabiex jiġi preservat l-akwadott fi Triq Peter Paul Rubens u ma jsirx żvilupp biswitu liema sinjuri preżenti għandhom propjeta’ biswit għall-iżvilupp. Il-Perit Borg qal li *rock cutting* mhux sa jkun hemm għax it-triq kollha ħa togħla. Hu qal li din it-triq kienet ġa pjanata fl-1988 u tinsab inkluża fil-*local plans*. Is-Sur Claude Borg kompla jgħid li meta nxtrat id-dar din inxtrat b’potenzjal ta’ żvilupp ta’ triq fuq in-naħa ta’ wara. Hu qal li hemm residenti oħra li għandhom art fuq wara u jekk dawn humiex infurmati li hemm oġgezzjoni għal din it-triq. Il-Perit Falzon qal li hemm kważi 500 sqm ta’ art għall-iżvilupp. Il-Perit Borg qal li hemm buffer zone attaposta, hemm parti ġa ffurmata u hemm pjanijiet kif ġa sottomessi għall-protezzjoni u konservazzjoni tal-Akwadott. Il-Perit Falzon ipprova jfittex online dan ir-rapport imma ma setgħax isibu u assuma li allura mhux applowdjat. Is-Sur Falzon kompla jgħid li fil-prijoritajiet tal-Kunsill hemm il-konservazzjoni tal-Monument u li l-Bord kien talab kjarezza għax ir-*restoration assessment report* ma kienx sar. Kien hemm proposta wkoll biex issir karreġġjata waħda sabiex ikun hemm iktar *buffer zone*. Wara li kull membru kompla fuq dawn il-punti msemmija, kemm is-sidien tal-art, kif ukoll iż-żewġ periti fejn id-diskussjoni tqanqlet u saħnet kemmxejn, ġie deċiz li l-Perit għandu jara sew l-applikazzjoni b’numru 836/18 sabiex ikun jista’ jevalwa l-pożizzjoni tal-Kunsill aħjar. Id-diskussjoni għandha tkompli .

## 48.5 Approvazzjoni ta’ *Performance Bonuses* għas-Sena 2018

48.5.1 Is-Sur Stefan Cordina talab is-Segretarju Eżekuttiv tagħti r-rendikont tagħha fuq l-*Appraisals* tal-istaff. Hi qalet li kif kulħadd jaf sar ħafna xogħol fejn l-istaff f’ċertu każijiet ta l-potenzjal kollu tiegħu. Huma dejjem jagħmlu ħilithom biex jippruvaw jgħinu fit-tmexxija tal-Kunsill

imma kien hemm mumenti fejn l-aspettativi ssorpredewha ħafna. Qalet ukoll li għaliha l-mod kif jaħdmu, it-*teamwork* li jeżisti bejnha u bejniethom, l-inizzjattivi, l-preżentazzjoni tax-xogħol u ħiliet jistħoqqilhom kollha l-*full.*

Rigward il-*Performance* tagħha hi qalet li dejjem ħalliet f'idejn is-Sindku għaliex hu jaf sew il-mod kif tahdem ma' kulħadd speċjalment il-kollaborazzjoni kontinwa bejnha, bejnu u l-Kunsilliera. Għaldaqstant hi ma kelliex iktar x'iżid u ħalliet f'idejhom sabiex jiddiskutu u jiddeċiedu huma. Is-Sur Cordina qal li hu jaħdem ħafna mas-Segretarju Eżekuttiv u jagħmel kuntatt magħha spiss fuq xogħol li jkun hemm bżonn isir u jinsab ferm sodisfatt bih. Għalhekk kompla hu, jekk kulħadd jaqbel għandu jingħata l-*full* lill-kulħadd.

Is-Sur Cordina għalhekk għadda Riżoluzzjoni proposta u ffirmata minnu u s-sekondata mis-Sur Mark Anthony Spiteri fejn fiha hemm imniżżel li l-istaff kollu għandu jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* cioe' 10% fil-każ tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-każ tal-impjegati tal-Kunsill. Kulħadd mill-membri preżenti qabel.

## 48.6 Rapporti

48.6.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 48.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

48.7.1 Is-Segretarju ressqet għall-approvazzjoni il-leave żejjed tas-sena l-oħra tal-istaff, eskluż tagħha għax hi ħaditu kollu, sabiex jigi mġedded għal din is-sena. Kull membru tal-istaff kellu sitt ijiem xi jżid ma' ta' din is-sena. Is-Sur Zammit qal li fi żmienu l-leave kien jittieħed kollu fis-sena kurrenti. Is-Sur Spiteri qal li l-liġi ttik biex iġġedded sa sitt ijiem u f'ċerti każi anka 50%. Dan it-tiġdid ġie maqbul u approvat.

## 48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

48.9.1 Approvata.

## 48.9 Mozzjonijiet; u

48.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 48.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Frar 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |